MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1900/2004

**Michael u Carmen Camilleri**
**vs**
**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija (Lm161.00) rapprezentanti danni sofferti fil-proprjeta` tal-attur « Pimpernell » fi triq Tumas Chetcuti, Attard, u dana kawza ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita` mill-proprjeta` kontigwa tal-konvenuti bl-isem ta' « Kentia » Triq Tumas Chetcuti, Attard.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-24 ta' Novembru, 2004 fejn intqal illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-**

**konvenut ma huwiex responsabbli ghal xi allegati danni sofferti fil-proprjeta` tal-atturi.**
**Ghaldaqstant it-talba fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Camilleri, il-Perit Dennis Camilleri, Doris Vella, Joseph Vella, il-Perit Ronald Muscat Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz qed isir ghall-hlas ta' danni kkagunati minn allegat perkolazzjoni ta' ilma fil-fond tal-atturi « Pimpernell » Triq Tumas Chetcuti, Attard, mill-fond adjacenti tal-konvenut « Kentia » Triq Tumas Chetcuti, Attard.**
**2. Jirrizulta li hemm gardina tal-konvenut tmiss mal-hajt divizorju. Gie allegat li l-hamrija qieghda fuq il-livell tal-qatran.**
**3. Fir-rigward kien acceda fuq il-post il-Perit Denis Camilleri, ex parte mill-atturi, u dana kien ghamel rapport datat 8 ta' Ottubru, 2004, Dok.MC1, li fih ikkonstata : « damp penetration had occurred to the common party wall of above premises……..It is evident that the soiled area, together with any vegetation growth in this exposed party wall is the cause of above deterioration to my clients' premises. »**
**4. Jirrizulta li l-Perit Camilleri kien rega acceda fuq il-post sussegwentement, flimkien mal-Perit Ronal Muscat Azzopardi ex parte tal-konvenut. Din id-darba il-Perit innota li l-hamrija kienet f'livell tajjeb, pero` kien hemm katusa fil-bitha tal-konvenut bl-ilma icarcar mal-hajt.**
**5. Il-Perit Muscat Azzopardi jikkonferma li issa l-hamrija qieghda tmien centimetri taht il-livell tal-qatran.**
**6. Mix-xhieda jirrizulta li d-danni effettivament graw meta l-hamrija ma kienetx taht il-livell tal-qatran, kif fil-fatt innota l-istess Perit Camielleri. Dwar perkolazzjoni ta' ilma minn katusa dana hemm konflitt fuqu, pero`**

**jkun tajjeb li jekk tassew hemm xi perkolazzjoni wiehed jaggustaha.**
**7. Li jirrizulta li aktar milli perkolazzjoni ta' ilma kien hemm umdita` li kkawzat id-danni fil-fond tal-atturi. Dawn id-danni fil-fatt kienu limitati ghall-tibjid. Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta pruvata fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija (Lm161.00).**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u tenut kont li l-konvenut ghamel li seta biex jirrimedja s-sitwazzjoni, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------